# QORTI TA' L-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT
## ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.
## ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 9 ta' Frar, 2001

**Numru 12**

**Cit. Nru. 400/93 GV**

**Salvu Briffa**

**vs**

**Walter Camilleri bhala direttur u ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Formosa & Camilleri Limited, u din bhala agenti f'Malta tas-socjeta' estera Guardian Royal Exchange Assurance plc, u Michael Attard ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Michael Attard & Sons Limited u b'nota tas-17 ta' Mejju, 1993, John Formosa assuma l-atti tal-kawza flimkien ma' Walter Camilleri ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Formosa & Camilleri Limited**

## L-Att tac-Citazzjoni

L-attur nomine ipproceda kontra s-socjetajiet konvenuti b'dan l-att tac-citazzjoni:-

> "Premess illi f'Marzu ta' l-1990 l-attur xtara minghand is-socjeta' konvenuta Michael Attard & Sons Limited vettura tal-marka Peugeot bin-numru ta' registrazjoni F-4729;
>
> Premess illi l-istess socjeta' Michael Attard & Sons Limited ipproponiet li l-attur jassikura l-vettura gdida tieghu mas-socjeta' l-ohra konvenuta Formosa & Camilleri Limited, agenti tas-socjeta' assikuratrici estera Guardian Royal Exchange p.l.c., proposta li l-attur accetta wkoll peress li kellu vetturi ohra assikurati ma' din is-socjeta'
>
> Premess illi l-'proposal form' imtliet minn impjegat tas-socjeta' Michael Attard & Sons Limited minghajr ma talab lil-attur jinfurmah dwar id-dettalji relattivi u lanqas ma talbu jiffirma din il-formola;
>
> Premess illi din il-vettura insterqet f'Novembru ta' l-1991, u qatt ma nstabet u ghalhekk saret 'claim' ma' l-agenti tas-socjeta' assikuratrici kif isir solitament;
>
> Premess illi din is-socjeta' rrifjutat li thallas lill-attur dak l-ammont iddikjarat fil-'proposal form' u dan peress li skond l-agenti tas-socjeta' assikuratrici, l-attur naqas li jiddikjara jekk qatt ghamilx 'claim' ohra qabel, u peress ukoll li l-'proposal form' ma kienetx iffirmata mill-assikurat u ghalhekk kienet nulla;
>
> Premess illi kemm verbalment u kif ukoll permezz ta' zewg ittri gudizzjarji mibghuta lill-konvenuti f'Awwissu u Settembru ta' l-1992, l-attur interpellahom ihallsu is-somma ta' Lm5,000 bhala danni sofferti b'rizultat tas-serq tal-vettura, u infurmahom illi hu ma kienx sejjer isofri danni minhabba procedura addottata miz-zewg socjetajiet flimkien, liema procedura ma kienetx regolari u tmur kontra l-provvedimenti relattivi tal-ligi;
>
> Premess illi l-konvenuti naqsu milli jhallsu dan l-ammont a bazi tal-pretiza nullita' tal-polza ta' l-assikurazzjoni;

Jghidu ghalhekk l-istess konvenuti, jew min minnhom, ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1) tiddikjarahom responsabbli ghall-hlas tar-rizargiment tad-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tas-serq tal-vettura fuq imsemmija;

2) tikkundannahom ihallsu lill-attur is-somma ta' Lm5,000 danni minnu sofferti kif fuq deskritt, flimkien ma' l-interssi skond il-ligi mid-data li l-pagament kien dovut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk taz-zewg ittri gudizzjarji ta' Awissu u Settembru, 1992, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni".

**<u>Eccezzjonijiet</u>**

Is-socjetajiet konvenuti eccepew is-segwenti:-

"1. Illi d-domandi attrici huma nsostenibbli nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, stante li meta l-attur mela l-proposal form li giet debitament minnu ffirmata, huwa ta informazzjoni hazina lil min kien qieghed jimliha ghalih meta wiegeb ghad-domanda, kellux qatt claims qabel jew le. L-attur jaf jew messu jaf ghax kien gie mnehhi mill-kotba tal-konvenut Camilleri nomine li meta tiftah polza ta' assigurazzjoni trid tirrispondi ghad-domandi kollha bl-aktar mod skjett u objettiv.

2. Salvi eccezzjonjiet ohra".

**<u>Decide</u>**

B'sentenza tat-3 ta' Ottubru, 1996, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi prevja li lagghet l-eccezzjoni tal-konvenuti, cahdet it-talba ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

**Provi**

L-ewwel Qorti rregistrat is-segwenti elementi ta' provi li fuqhom jidher li bbazat il-konsiderazzjonijiet taghha:-

> "L-attur xehed li kien xtara karozza minghand il-konvenut Attard. Dan kien ofrielu insurance cover ma' l-insurance li kien diga' assikurat maghha. Kien mar jaghti l-particulars tieghu lil wiehed skrivan hemmhekk. Kull ma talbuh kienu l-particulars li hu lanqas ma ffirma l-proposal form. Hu ma jafx jikteb jew jaqra, jaf jiffirma biss.
>
> F'Novembru, 1991, il-karozza nsterqet mill-Belt u l-karozza qatt ma nstabet. Kien ghamel claim ma' l-assikurazzjoni konvenuta. Dawn per' ma accettawx li jhallsuh u baghtulu lura l-premium ta' mija, sebgha u disghin liri Maltin u tmenin centezmu (LM197.80) (ara fol. 23,27) ghax qalu li kellu claims qabel li ma kienx iddikjara fuq il-'proposal form' (fol 26). Hu xejed li l-firma fuq il-'proposal form' ma kinetx tieghu, u l-insurance ghalhekk qalulu li l-isurance kienet nulla billi ma kienx fiha firma (fol 32).
> ]
> L-attur in kontro-ezami ma cahadx li seta' kellu (13) tlettax-il claim qabel ma hareg il-polza in kwistjoni. Hu kellu assikurazzjonijiet mal-konvenuti u kienu kkancellawhomlu f'1989 izda dan wara li kien xtara l-karozza in kwistjoni. Ta' Attard ma staqsewh ebda domanda minn dawk li staqsih l-Avukat difensur tal-konvenuti.
>
> Ramon Mizzi xehed li bejn l-1987 u l-1990 l-attur kien ghamel diversi claims ma' l-assikurazzjoni konvenuta u ma baqghax igawdi l-fiducja tal-kumpanija u kkancellawlu xi policies li kellu (ara dok. A fol 146 datat 19.12.89; dok E fol 147 datat 31.5.91). L-ittra tad-dsatax ta' Dicembru, 1989 (19.12.89) intbaghtet qabel ma l-attur fetah din il-kawza.
>
> Meta saret il-claim tal-karozza in kwistjoni (f'Novembru, 1991) hu sab li l-attur ma kienx svela fil-'proposal form' li kellu claims fuq il-policies li gew kancellati. Kieku l-attur zvela dawk il-fatti materjali huma ma kienux jassikurawh.

Ghalhekk f'Jannar, 1992, huma kitbu ittra lill-attur fejn qalulu li l-policy kienet nulla ab initio u baghtulu l-premiuml ura.

Wara li kkancellawlu dawk il-motor policies, l-attur kien ghamel claim fuq il-policy tad-dar u tal-Commercial Property imbaghad dahlet il-claim tal-karozza u allura hu beda jindaga.

Fil-'proposal forms' ta' l-attur datati sitta ta' Settembru, 1988, (6.9.88) u sebgha u ghoxrin ta' Settembru, 1989 (27.9.89) hu ma ta l-ebda hjiel ta' claims precedenti u fit-tieni wahda jindika biss "minor ones" meta sa dakinhar kellu hames claims – kollha ta' serq.

Anke fil-'proposal' tat-tmiena u ghoxrin ta' Marzu, 1988 (28.3.88) dwar bini ghad-domanda jekk kellux claims precedenti kien irrisponda fin-negattiv meta diga' kellu diversi claims. Ara fol. 155.

Dwar il-kaz ta' l-iSpettur Cassar, hu qal li dan kien sab li l-proposal form tieghu wkoll ma kienetx iffirmata.

George Scicluna xehed il-'proposal form' in kwistjoni ntliet kawzi kollha minnu fuq domandi li jaghmel lill-asikurat u nizzel biss ir-risposti li tah l-attur. Hu ma kienx iffirma l-'proposal form' ghal hadd u jeskludi li kien iffirma din il-'proposal form'. Meta jispicca mill-proposal form hu jaghtiha lill-klijent biex jiffirmaha. Hu ma jimliex proposal forms fl-assenza tal-klijent ghax dan irid jaghtih ir-risposti. Meta jigi persuna li ma jkunx jaf jiffirma, dan generalment ikun akkumpanjat minn xi hadd iehor u jghidlu biex jiffirma ghan-nom tieghu.

Michael Attard xehed li hu ma kellux x'jaqsam mal-mili tal-'proposal form'.

Walter Camilleri xehed li l-fatt li l-'proposal form' ma tkunx iffirmata mhux necessarjament jaghmel din il-'proposal form' nulla. Huma jistghu jaccettawha anke jekk mhix iffirmata.

David Warrington xehed li l-attur kien assikurat ma' A.V. Bartoli & Sons Ltd. Bejn 1987 u 1994 u kellu (19) dsatax-il claim li minnhom erbgha kienu ta' serq, tlettaq ta' kollizzjoni u wahda ta' hruq (dok A fol. 145).

Spettur Michael Cassar xehed dwar l-investigazzjonijiet li ghamel u lil min kien kellem u x'qallu.

Hu ftakar li anke meta kien xtara l-karozza tieghu ma kienx iffirma ‘proposal form’. Kien is-Sur Scicluna wkoll li qdieh. Dan kien daqxejn fettuluz u traskurat. Fil-‘proposal form’ tieghu kien hawwad kemm jista’ jkun. Dan kien lesta l-‘proposal form’ u ma kien staqsih xejn. Scicluna kellu l-informazzjoni kollha dwar il-particulars tieghu. Hu ma ffirmax il-‘proposal form’ (ara fol 152A). Waqt li hu kien qed jitkellem ma’ Michael Attard, Scicluna kien qed jimla l-‘proposal form’ fuq gewwa. Kienu staqsewh jekk riedx il-karozza sole driver u ma’ min kien inxurjat u jekk kellux claims”.

**<u>Motivazzjoni tas-sentenza appellata</u>**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

“KONSIDERAZZJONIJIET

Firma fil-proposal form

Illi fl-eccezzjoni taghhom il-konvenuti qalu li meta l-attur mela l-‘proposal form’ huwa ta informazzjoni hazina lil min kien qed jimliha u ddikjara li ma kellux claims precedenti meta fil-fatt diga assikurazzjoni nulla jew annulabbli.

Mili ta’ proposal form

Dwar il-kwistjoni tal-mili tal-‘proposal form’ ta’ l-attur, jirrizulta mill-provi li din imtliet mill-impjegat tal-konvenut Attard u cioe’ minn George Scicluna. Skond l-attur lilu ma sarulu ebda mistoqsijiet biex imtliet il-formula mentri Scicluna xehed li l-‘proposal form’ in kwistjoni intliet kwazi kollha minnu fuq domandi li ghamel lill-assikurat u nizzel biss ir-risposti li tah. Hu ma kienx iffirma l-‘proposal form’ ghal hadd u jeskludi li kien iffirma din il-‘proposal form’. Meta jispicca mill-‘proposal form’ hu jaghtiha lill-klijent biex jiffirmaha. Hu ma jimliex ‘proposal forms’ fl-assenza tal-klijent ghax dan irid jaghtih ir-risposti.

Issa min-natura ta’ xi risposti li hemm fil-‘proposal form’ bilfors li kien l-attur li ghadda din l-informazzjoni lil Scicluna (jew

direttament jew tramite Attard) ghax kieku Scicluna me kienx ikun f'posizzjoni li jimlihom (Ara per ezempju d-domandi {3} x'tip ta' assikurazzjoni ried; {6} x'uzu se jaghmel mill-vettura; {9} jekk il-vettura ser tigi ggaraxxjata jew le; {10} dwar drivers ohra, {11} dwar sewqan. Dina l-informazzjoni ma ssibhiex fil-log book.

L-attur mhux qed jghid li dak li nizzel Scicluna hu falz. "Generally the agent of an insurance company in completing a proposal form for a proposer is acting as his agent and not on behalf of the company" (Ara Newsholme Bros. Vs. Road Transport and General Ins. Co. Ltd. 1929; u Degiorgio vs. Agius Vol. XLVIC p 2 p 656). L-attur kellu l-obbligu li jivverifika x'qed inizzel Scicluna.

Anke fil-kaz ta' l-Ispettur Cassar ghandu jirrizulta li dan kien tah xi informazzjoni lil Scicluna – forsi tramikte Michael Attard ghax kieku Scicluna ma kienx ikun f'posizzjni, bhal fil-kaz ta' l-attur, li jaghzel certi beneficcji fil-polza u mhux ohrajn. Fil-polza ta' Cassar jirrizulta li kien hemm diversi tibdil li juru li Casar ghadda informazzjoni lil Scicluna biex dan setgha jimla l-'proposal form'. Hekk per ezempju hemm il-calculation tal-premium li trid tinhadem a bazi ta' informazzjoni jekk il-proponent ghandux No Claims Bonus u jekk se jkun Sole Driver jew ser ikun hemm persuni that il-hamsa u ghoxrin sena.

Apparti dana cioe' jekk l-attur giex mistoqsi dawk id-domandi kollha, il-proponent hu fid-dmir li jsemmi kull fatt li ragonevolment ghandu jhoss li hu rilevanti lill-assikuratur li jkun jaf, anke jekk ma jkunx mistoqsi. (ara Degiorgio vs Agius fuq kwotat)

"It is clear that the fact that many questions are expressly asked does not relieve the proposer of his duty to disclose facts outside the scope of the questions".

Glicksman vs. Lancashire & General Ass. Co. (1927( A.C. 139: Schoolman vs. Hall (1951), Modern Insurance Law John Birds. 3rd edition pag. 98.

L-attur kien jaf li kellu diversi claims precedenti, kien jaf li kellu diversi policies kancellati mill-istess ditta assikuratrici li kien ser jinxurja maghha (permezz tas-sub agent taghha) u ghalhekk kien dover tieghu li javza lil Scicluna jew lil Attard

b'dawn il-fatti biex dawn jaraw jekk jiehdux dan ir-riskju jew jitolbux il-parir tal-principali taghhom.

Non-disclosure of material facts.

Hi regola li "an insurer has the right to avoid the contract of insurance in its entirety if the insured was guilty of fraud, non-disclosure or misrepresentation before the contract was entered into".

In the leading case which established the duty of disclosure in insurance contracts. Carter vs. Boehm, Lord Mansfield said:

"Insurance is a contract upon speculation. The special facts, upon which the contingent chance is to be computed, lie most commonly in the knowledge of the insured only; the under-writer trusts to his representation, and proceeds upon the confidence that he does not keep back any circumstance in his knowledge, to mislead the under-writer into a belief that the circumstance does not exist, and to induce hm to estimate the risk as if it did not exist".

"A fact is material for the purposes of both non-disclosure and misrepresentation if it is one which would inclueence the judment of a reasonable and prudent insurer in deciding whether or not to accept the risk or what premium to charge".

"L-assikuratur ikollu d-dritt jitlob ix-xoljiment tal-kuntratt ta' l-assikurazzjoni, purke' d-dettalji ommessi jkunu tali li jinfluwixxu fuq id-decizjoni biex l-assikuratur jasal ghall-kuntrat fil-forma li jkun iffirmah" (Degiorgio vs. Agius supra).

Fil-kaz in ezmi gie pruvat li l-attur, qabel ma ghamel l-assikurazzjoni in kwistjoni, kellu diversi claims sostanzjali kemm ma' l-asikurazzjoni konvenuta kif ukoll ma' assikurazzjonijiet ohra (Ara fol 145 u 148).

Kuntrarjament ghal dak li xehed l-attur, hu kien jaf li xi policies li hu kellu ma' l-assikurazzjoni konvenuta kienu gew kancellati minnhom minhabba l-claims li kellu qabel ma rega' nxurja (Ara dok a fol. 146, 147).

Anke f'policies ohrajn l-attur ma kienx iddikjara li kellu claims precedenti meta fil-fatt kellu. Ramon Mizzi xehed fil-'proposal forms' ta' l-attur datati sitta ta' Settembru, 1988 (6.9.88) u sebgha u ghoxrin ta' Settembru, 1989 (27.9.89) hu ma ta l-

ebda hjiel ta' claims precedenti u fit-tieni wahda indika biss "minor ones" meta sa dak in-nhar kellu hames claims – kollha ta' serq. Anke fil-'proposal' tat-tmienja u ghoxrin ta' Marzu, 1988 (28.3.88) dwar bini ghad-domanda jekk kellux claims precedenti kien irrisponda fin-negattiv meta diga kellu diversi claims (Ara fol 155).

Hu ovvju li billi l-kumpanija konvenuta kienet diga kancellat diversi policies ta' l-attur precedentment, kieku l-attur indika li kellu dawn il-claims, huma ma kienux ser jergghu jinxurjawh.

L-attur issottometta li l-konvenuti kienu jafu bil-claims li kellu u hallew bil-polza ghal sena u nofs u anke gedduha qabel ma kkancellaw din il-polza. Il-Qorti pero' fuq dan l-argument tirrileva li l-polza saret permezz ta' wiehed mis-sub-agents u l-assikurazzjoni ma jkollhiex assikurat wiehed u lanqas outlet wiehed minn fejn tassikura. Inoltre hafna drabi f'kumpaniji kbar claims department ma jkun fl-istess dipartiment fejn isiru l-assikurazzjonijiet. Inoltre l-facilitajiet li llum toffri sistema komputerizzata – fejn checking jista' jsir malajr fil-kumpanija u ma' kumpaniji ohrajn – ma kienux jezistu – jew almenu kienu jiehdu hafna zmien – meta x-xoghol kollu kien isir manwalment. Meta l-kumpanija konvenuta ndunat b'dak li gara hi kkancellat il-polza mill-ewwel. Ma kkancellathiex qabel ghax ma kienetx taf b'dak li ghamel l-attur. Kiku kienet taf u zammitu nxurjat, kieku l-kumpanija ma kienetx tkun tista' titlob l-annullament tal-polza, ghax agir simili ma hux konciljabbli ma' l-azzjoni ta' l-annullament (Ara Degiorgio vs. Agius supra).

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-konvenuti kellhom ragun jikkancellaw din il-polza u ma jhallsux il-claim ta' l-attur".

**Aggravju**

L-attur appella minn din is-sentenza ghax hassu aggravat bl-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi u tal-punti ta' dritt involuti. Hu jilmenta li l-ewwel Qorti ma tatx aktar importanza lil kaz simili li kien jirrigwarda il-*proposal form* ta' l-Ispettur Michael Cassar li

kien ukoll assigurat f'xi zmien mas-socjeta' konvenuta appellata li assigurat lill-attur. L-appellat isostni li anke f'dak il-kaz il-*proposal form* kienet intliet minn xi hadd li ma kienetx l-istess Cassar (u li hu ma kienx jaf min hu) fuq informazzjoni li ma kienx ipprovda hu u li dik il-*proposal form* ma kienetx giet iffirmata minu. L-attur appellant jibqa' jsostni li hu ma kien ta l-ebda informazzjoni lil George Scicluna impjegat mal-konvenut Michael Attard, imma kien biss l-istess Attard li ghadda l-log book lil Scicluna biex minnu jiehu l-informazzjoni mehtiega biex jimla' l-*proposal form*. L-appellant allura jsostni li f'dawk ic-cirkostanzi ma seta' qatt jigi ritenut responsabbli li ma tax l-informazzjoni korretta lil min assigurah.

L-appellant isostni wkoll li ma kienx minnu illi kienu gew kancellati poloz li hu kellu mas-socjeta' assikuratrici hlief ghall-polza li kienet tirrigwarda l-mertu tal-kawza taht ezami, u anke dik kienet giet kancellata wara li kien sari il-*claim.* In tema legali, l-appellant isostni li l-ewwel Qorti naqset li tezamina n-natura legali tal-kuntratt ta' asikurazzjoni. Ma kienx korrett dak li qalet l-ewwel Qorti illi "il-firma fuq il-*proposal form* mhix essenzjali *ad validitatem"*. Inoltre hu jafferma illi il-*proposal form* ma kienetx giet iffirmata minnu. Mill-banda l-ohra, anke jekk Scicluna kien qed jagixxi ghan-nom ta' l-attur meta meta l-*proposal form,* dan ma kienx jesonera lill-assikuratur mir-responsabilita' tieghu una volta hi qed

tikkontesta l-agir tieghu sena u tmien xhur wara li l-*proposal form* giet mimlija.

Il-konsiderazzjoni ta' l-ewwel Qorti li abbracjat it-tezi tal-konvenuti u skuzat l-agir taghhom billi qalet li l-polza harget minghand sub-agent, u li hafna drabi l-*claims department* ma jkunx fl-istess dipartiment fejn isiru l-assikurazzjonijiet, u fuq kollox, *computers* dak iz-zmien ma kelhomx, ma kienetx sostenibbli.

**Risposta**

Fir-risposta taghhom ghar-rikors ta' l-appell il-konvenuti appellati jsostnu l-korrettezza ta' l-apprezzament fattwali u legali li ghamlet l-ewwel Qorti. Isostnu wkoll li ma kienx minnu li l-ewwel Qorti ma kienetx tat affidament lil dak li xehed l-Ispettur Cassar. Kienet biss stabbiliet il-fatt li ma setghax ikun li partijiet mill-*proposal form* gew mimlija minghajr l-ghoti ta' informazzjoni minn Cassar dwar dettalji rilevanti biex tinhareg il-polza. Il-konvenut jissottometti inoltre li l-fatt li fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom huma ddikjaraw li l-attur iffirma l-*proposal form* tieghu, ma kienx jinnewtralizza dak li qalet l-ewwel Qorti li tali firma ma kienetx essenzjali *ad validitatem* ghall-finijiet tal-ligi biex il-*proposal form* tkun valida. Kien fatt inkonfutabbli li l-*proposal form* kienet tfisser dokument li jikkontjeni suggeriment da parti ta' l-eventwali assigurat lill-

kumpanija assikuratrici li huwa ghandu l-intenzjoni li jassikura maghha t-tali oggett, u l-assikurazzjoni taghtih l-affidament taghha li hija intenzjonata tilqa' t-talba tieghu, dejjem suggett ghad-diversi kondizzjonijiet tal-polza. "Il-*proposal*" ma hijiex il-kuntratt ta' assigurazzjoni. Il-kuntratt ta' assigurazzjoni jigi perfezzjonat meta tinhareg il-polza ta' assigurazzjoni u jithallas il-premium.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Qabel tghaddi ghall-konsiderazzjonijiet ta' dritt applikabbli ghall-kaz taht ezami, din il-Qorti jidhrilha opportun li tissottolineja s-segwenti fatti, fost ohrajn rilevanti ghad-decizjoni tal-mertu li ma jidhirx li gew adegwatament rilevati fil-kors tat-trattazzjoni quddiem l-ewwel Qorti.

a) Jinghad fl-ewwel lok illi l-kawza hija tentata kontra zewg socjetajiet, dik assikuratrici, u cioe' s-socjeta' Formosa & Camilleri Ltd., u kontra dik venditrici tal-vettura l-gdida lill-attur li eventwalment insterqet, Michael Attard & Sons Ltd., li wkoll jidher li kienet qed tagixxi bhala agent ta' l-istess socjeta' assikuratrici, dan almenu sa l-inkarigu li tircievi *proposal forms* ghal assikurazzjoni biex jigu trasmessi lilha. Din ir-realta' tal-kawza jidher li giet traskurata, avolja kienet taghti lok ghal konsiderazzjonijiet ta' dritt li mhux necessarjament kienu identici ghaz-zewg socjetajiet konvenuti. Dan seta' kien dovut ukoll minhabba l-fatt illi

dawn ghazlu li jiddefendu l-azzjoni flimkien u li jsostnu eccezzjonijiet identici.

b) Jirrizulta provat bhala fatt illi l-*proposal form* giet mimlija minn George Scicluna, impjegat tas-socjeta' konvenuta Michael Attard & Sons Ltd. Hemm kontestazzjoni dwar jekk dan kienx imliha fuq risposti moghtija lilu mill-attur fuq domandi li ghamillu. Dwar dan din il-Qorti ttendi li taqbel ma' l-apprezzament ta' l-ewwel Qorti li, zgur li ghal certu numru ta' domandi, kien l-attur li ta l-informazzjoni lil dan Scicluna, li eventwalment giet imnizzla fil-*proposal form*. Din il-Qorti ma tirrizultalhiex il-prova illi d-domandi kollha gew mistoqsija lill-attur minn dan Scicluna u lanqas jekk l-attur kienx jew le irrisponda ghad-domandi kollha. Hemm ukoll kontestazzjoni dwar jekk l-attur kienx verament iffirma l-*proposal form.* Kontestazzjoni li baqghet bla risposta certa, inkwantu ma jidhirx li l-attur insista fuq il-verifika ta' l-awtenticita' tal-forma fuq il-*proposal form* li m'huwiex hati li kienet tieghu. L-ewwel Qorti ma jidhirx li esprimiet fehma dwar din il-firma, waqt li din il-Qorti minn dak li setghet tara meta tqabbel il-firma fuq il-*proposal form* ma' diversi firem ohra ta' l-attur li hemm fil-process, ma tistax teskludi illi l-verzjoni ta' l-attur kienet l-aktar wahda attendibbli ghax il-paragun bejn il-firem, almenu ghal min ma jkunx espert, mad-daqqa t'ghajn ma jregix.

c) Hu stabbilit ukoll mill-provi li bejn il-1987 u d-19 ta' Frar, 1994, l-attur kellu xejn inqas minn dsatax-il *claim* ghad-danni kontra diversi socjetajiet ta' assikurazzjoni li minnhom erbgha kienu dwar serq ta' vetturi, waqt li l-ohrajn kienu kollha ghal danni rizultanti minn kollizzjonijiet, hlief ghal wahda li kienet ghal danni wara hruq. Jigi notat illi tlieta mill-*claims* relativi ghal serq ta' karozzi saru mas-socjeta' konvenuta Formosa & Camilleri f'dawn id-dati: Serq u hruq ta' vettura Marina Van fis-26 ta' Dicembru, 1988; Hruq u serq ta' karozza Honda fid-29 ta' Ottubru, 1989; Serq u hruq ta' karozza Rover fl-1 ta' Dicembru, 1989. Jigi registrat ukoll illi fid-19 ta' Dicembru, 1989, is-socjeta' konvenuta Formosa & Camilleri kitbet lill-attur illi "in view of the claims experience recorded on your Motor Policies, we are left with no alternative but to cancel the above mentioned policies with effect from the 26th December, 1989, to comply with the instructions of our principles in the U.K." Dan b'riferenza ghall-assikurazzjoni tal-vetturi.

d) Fil-31 ta' Mejju, 1991, l-istess socjeta' konvenuta kitbet lill-attur biex infurmatu li kienet qed tikkancella *policies* li hu kellu in konnessjoni mad-dar tieghu u dana wkoll wara li kienu rcevew istruzzjonijiet mill-principali taghhom fl-esteru. Dan ifisser fost hwejjeg ohra, illi l-attur kien konsapevoli li s-socjeta' assikuratrici konvenuta kienet tikkonsidrah bhala persuna a rischio li ma riedetx tassikura nkwantu kien konsidrat *a moral hazard*.

e) F'dawn ic-cirkostanzi huwa rilevanti wkoll in vista tal-fatt li fil-*proposal form* il-proponent hu mistenni wkoll jirrispondi ghad-domanda jekk qattx kellu xi polza ta' assigurazzjoni kancellata. Ir-risposta apparenti fil-polza in kwistjoni – anke jekk, kif inghad, hu kontestat min effettivament imliha u kif – hi fin-negattiv. L-istess inghatat risposta negattiva ghad-domanda biex il-proponent jaghti partikolaritajiet ta' incidenti u telf li kellu fit-tlett snin ta' qabel in konnessjoni ma' vetturi "owned, used and stored or hired by you". Din il-parti tal-*proposal form* giet addirittura kancellata, meta kien aktar minn car illi l-attur kellu hafna informazzjoni x'jaghti f'dan ir-rigward.

f) Fl-ahhar nett, ta' min ukoll jinnota illi l-mertu jirrisali ghall-polza li saret f'Marzu, 1990. Dak iz-zmien kien jirrizulta wkoll provat mill-atti li l-operazzjonijiet kummercjali u l-ufficcji tas-socjetajiet konvenuti ma kienux ghadhom komputerizzati. Ma kienx allura facli daqs illum illi jigu verifikati dikjarazzjonijiet maghmula fuq *proposal forms* fir-rigward ta' l-istorja passata tal-persuni li jitolbu li jigu assigurati. L-operazzjoniji kif inhi llum hi ferm aktar facilitata u dan l-ezercizzju jista' jsir bi precizjoni mhux biss fl-ambitu tas-socjeta' assiguratrici nfisha, imma wkoll b'mod ferm aktar komprensiv li jestendi ghat-territorju kollu nazzjonali u ghas-socjetajiet kollha ta' l-assigurazzjoni.

Dan iwassal ghall-kwezit jekk, kif inhuma l-affarijiet illum, id-dover tas-socjeta' assiguratrici li jaccerta ruhu mir-riskju fir-rigward tal-kwalita' tal-persuna li titlob li tigi assigurata maghha, kienx jimponi fuqha l-obbligu ta' verifika biex taccerta ruhha qabel il-hrug tal-polza ta' l-assigurazzjoni xi kwalita' ta' *claims* precedenti l-proponent seta' kellu maghha. Dover dan li kien allura itaffi xi ftit mill-obbligu tal-proponent li jiddikjara kull informazzjoni rilevanti ta' din ix-xorta fil-mument meta jitlob li jigi assigurat.

Dawn il-konsiderazzjonijiet iwasslu lil din il-Qorti biex taghmel is-segwenti riflessjonijiet ta' dritt:-

1. Hu ormai stabbilit fil-gurisprudenza illi "il-*proposal form* hija parti ntegrali tal-polza ta' l-assigurazzjoni, u kwindi, dikjarazzjoni falza maghmula fil-formola hija qisha dikjarazzjoni falza fil-polza". (Vol. XXXVI, P.II, p.610) L-istess sentenza tirribadixxi wkoll il-principju illi "il-fatt li dak li mela (il-*proposal form)* fuq informazzjoni ta' l-attur kien sub-agent tal-kumpanija (kif jidher li kienet jew setghet titqies is-socjeta' konvenuta Michael Attard & Sons Ltd.), ma jaffettwax il-kwistjoni principali f'sens sfavorevoli ghall-kumpanija (assiguratrici, f'dan il-kaz, is-socjeta' konvenuta Camilleri & Formosa Ltd.), ghaliex kif gie deciz mill-King's Bench, u konfermat mill-Qorti ta' l-Appell Ingliza fil-kawza "Newsholme Bros. vs. Road Transport and General Insurance Co.",

1929, …….” F’kaz simili, is-sub-agent hu mandatarju tal-*“proposer”,* f’dan il-kaz l-attur u mhux tal-kumpanija, filwaqt li jkun qieghed jimla’ d-dettalji bl-inkarigu ta’ l-attur”. Dan il-punt gie ulterjorment elaborat fis-sentenza ta’ din il-Qorti tas-7 ta’ Ottubru, 1997, fil-kawza fl-ismijiet “Lawrence Azzopardi et noe vs. Joseph Muscat et nomine et” li fiha gie ritenut li “in all matters related to the placing of insurance of whatever kind, the insurance broker is the agent of the assured and of the assured alone………..if, as a matter of convenience, he (the insurance agent) fills the proposal form, he is acting as agent for the proposer” (Charlesworth Mercantile Law 1884, p.913 et seq). U bhala agent “l-atti kollha maghmulin minn rapprezentant ghall-Principal fil-limiti tas-setghat tieghu ……………igibu direttament l-effett taghhom favur jew kontra l-principal".

2. Dan iwassal li din il-Qorti ghall-konkluzzjoni illi fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta Formosa & Camilleri qua socjeta’ assiguratrici, din certament ma setghatx tinstab responsabbli b’xi mod tan-nuqqasijiet u difetti fil-mili tal-proposal form da parti ta’ l-impjegat tas-socjeta’ konvenuta l-ohra ghaliex din ma kienet bl-ebda mod, certament mhux direttament, imma lanqas indirettament, responsabbli ghall-kontenut taghha. Dan ifisser necessarjament li jekk jirrizulta, kif ser jirrizulta, li l-informazzjoni kontenuta fil-*proposal form* kienet mankanti fl-elementi materjali taghha, tali mankanza ma setghet bl-ebda mod tigi addebitata

ghas-socjeta’ konvenuta assiguratrici li kienet allura tkun pjenament gustifikata fic-cirkostanzi li tiddekreta, kif ghamlet, l-*avoidance* tal-polza.

3. Gie wkoll ritenut illi “il-Qorti tifhem li hu l-obbligu tal-persuna li tkun qed tinnegozja biex tidhol f’kuntratt ta’ assigurazzjoni li taghti l-informazzjoni kollha sostanzjali u rilevanti dwar il-history taghha bhala is-soggett ta’ assigurazzjoni, meta jkun car li tali informazzjoni tista’ b’xi mod tinfluwenza d-decizjoni tad-ditta assiguratrici fl-ghoti tal-polza. L-istess kif id-ditta assiguratrici hi obbligata tinforma lill-klijent bil-limitazzjonijiet u restrizzjonijiet li l-polza li tkun ser tinhariglu ikollha. Dan ghaliex il-kuntratt ta’ assigurazzjoni hu wiehed ta’ *uberrimae fidae* u l-kontraenti ghandhom ikunu bil-massima *bona fede* meta jiffirmawh. Fil-kaz in ezami jirrizulta provat illi l-konvenut naqas li jaghti informazzjoni rilevanti lid-ditta assiguratrici qabel sar il-kuntratt maghha. Dan certament kien fattur li nduciha fl-izball li tohrog il-poloz, liema poloz ma kienetx tohrog li kieku kienet taf il-verita’. Fl-ahjar ipotesi ghall-konvenut, dan ikun jammonta ghal zball sostanzjali li kien jivvizzja l-kunsens tad-ditta assiguratrici u l-kuntratt. Fl-aghar ipotesi ghall-konvenut - u dan mhux eskluz – il-kuntratt ikun vizzjat minhabba l-*mala fede* tal-konvenut li, ghax hekk kien fl-interess tieghu, heba dawn l-elementi ta’ fatt ta’ l-akbar importanza”. (“David Curmi noe vs. Martin Mifsud” deciza mill-Prim’Awla fit-28 ta’ Frar, 1992, Cit. Nru. 651/91 JSP)

Hu evidenti mill-atti li filwaqt li, almenu teoritikament, is-socjeta' konvenuta assiguratrici setghet, kieku tempestivament allarmata, b'xi mod tkun konsapevoli ta' l-istorja negattiva ta' l-attur bhala soggett li kien jkun ripetutament vittma ta' serq u hsarat fil-vetturi tieghu – anke jekk din l-informazzjoni kellha tigi fl-ewwel lok dikjarata mill-attur – mhux l-istess seta' jinghad ghas-socjeta' l-ohra konvenuta li kienet qeghda tircievi minghandu l-proposta ta' l-assigurazzjoni. Din zgur ma setghetx tkun f'posizzjoni li awtorevolment tkun konsapevoli ta' l-antecedenti ta' l-attur ghax tali informazzjoni ma kienetx a disposizzjoni taghha.

4) Dan l-obbligu *to disclose material information*, in tema ta' kuntratti ta' assigurazzjoni, hu illum universalment rikonoxxut ghaliex jifforma element essenzjali tan-natura tal-kuntratt ta' assigurazzjoni. Obbligu li din il-Qorti tqis li kien fuq kollox u qabel xejn jinkombi fuq l-attur li kien fid-dover li *sua sponte* u volontarjament ipoggi l-informazzjoni kollha ghad-dispozizzjoni tas-socjeta' konvenuta li hadet l-inkarigu li timla' l-*proposal form* u dana irrispettivament minn jekk u kienx gie jew le mitlub minn din l-istess socjeta' li hekk jaghmel. Dan *multo magis* tenut kont ta' l-antecedenti tal-kaz tieghu, kif fuq elaborati, u b'mod partikolari tal-fatt li s-socjeta' li maghha kien qed jigi suggerit lilu li jassigura l-vettura l-gdida tieghu, kienet diga' f'okkazzjonijiet precedenti, ikkancellat poloz li hu kellu maghha.

Indubbjament ma kienet l-ebda skuzanti jew gustifikazzjoni fic-cirkostanza fattwali avanzata mill-attur, illi hu ma kienx gie mistoqsi li jaghti nformazzjoni ta' din ix-xorta jew li ghad-dirittura min mela l-*proposal form* ma staqsieh l-ebda domanda. Eventwalita' din ta' l-ahhar mhux facilment kredibbli ghax zmentita mill-fatti. "The contract of insurance is the primary illustration of a class of contracts described as *uberrimae fidae,* that is of utmost good faith. As a result, the potential parties to it are bound <u>to volunteer to each other</u> before the contract is concluded information which is material" (John Birds Modern Insurance Law 1977 p.100). U fil-kawza "Carter vs. Boehm" Lord Mansfield jiddikjara "good faith forbids either party, by concealing what he privately knows, to draw the other into a bargain from his ignorance of that fact and his belief in the contrary……….. The reason of the rule which obliges parties to disclose is to prevent fraud and to encourage good faith. It is adapted to such facts as vary the nature of the contract which one privately knows and the other is ignorant of and has no reason to suspect".

5. Kien allura l-obbligu ta' min jipproponi li jassigura ma' haddiehor illi minn rajh jaghti l-informazzjoni kollha materjali li setghet tinfluwenza l-volonta' u l-kunsens ta' l-assiguratur li jikkonkludi n-negozju. Dwar x'kien meqjus bhala materjali gie ritenut illi "In general the wide ranging

nature of this duty of disclosure, which has been prevailing in insurance contracts in England, has been the subject of severe academic criticism for a long time. This doctrine of duty of disclosure in insurance contracts, has been regarding as rigid, inflexible and out of date. The expression 'contracts uberimmae fidei' has been too frequently and almost indiscriminately used by insurers and judges as an excuse for ignoring insurance claims. Consequently, the insured's duty of disclosure of material facts becomes one of the most onerous burdens on the insured in insurance contracts" (Semin Park – The Duty of Disclosure in Insurance Contract Law (1996) p.68). Indubbjament pero' u minghajr ebda rizerva "the fact that the proposer has suffered losses of cars on previous occasions has been held to be material" (Fire and Motor Insurance Ivamy 3rd edition, (1978) p.203).

6. Konsegwentement allura fir-relazzjonijiet bejn l-attur u s-socjeta' konvenuta Michael Attard & Sons Ltd. kien japplika l-principju illi "the potential parties to it (insurance contract) are bound to volunteer to each other before the contract is concluded information which is material……An applicant for insurance is under a duty to disclose to the insurer <u>prior to the conclusion of the contract</u> but only up to this date all material facts within his knowledge, which the latter does not is not deemed to know. (fil-kaz taht ezami gie diga' indikat li din is-socjeta' ma setghetx u ma setghetx tigi prezunta li kienet taf bil-fatti materjali a

konoxxenza ta' l-attur). A failure to disclose, however innocent, entitles the insurer to avoid the contract ab initio, and upon avoidance it is deemed ever to have existed. The insurer must avoid within a reasonable time of becoming aware of the non-disclosure (Modern Insurance Law, John Birds 1993, 3rd edition, pages 90 et seq.)

Nonostante s-sottomissjoni ta' l-attur appellant illi s-socjeta' konvenuta assiguratrici damet kwazi sena u nofs biex irrevokat il-polza, din il-Qorti hi sodisfatta li mill-provi jirrizulta li tali pass ittiehed appena s-socjeta' assiguratrici konvenuta saret taf l-identita' storika ta' l-attur u rrealizzat li kienet hargitlu polza ta' assigurazzjoni meta mhux biss kellu daqstant claims sostanzjali fi zmien relattivament qasir, imma wkoll li kienet l-istess li f'aktar minn okkazzjoni wahda irrevokatlu l-poloz li hu kellu maghha. "Insurance is a contract upon speculation. The special facts, upon which the contingent chance is to be computed, lie most commonly in the knowledge of the insured only; the under-writer trusts to his representation, and proceeds upon the confidence that he does not keep back any circumstance in his knowledge, to mislead the under-writer into a belief that the circumstance does not exist, and to induce him to estimate the risque as if it did not exist". (Carter vs Boehm, ibid.)

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet appena maghmula, din il-Qorti ma tarax kif tista' ma

tasalx ghall-istess konkluzzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti. Dana mhux biss fir-rigward tas-socjeta' konvenuta Formosa & Camilleri, fejn l-argumentazzjoni legali hi wahda, cara u limpida li ma thalli lok ghal ebda dubju, imma wkoll fir-rigward tas-socjeta' konvenuta l-ohra Michael Attard & Sons Ltd., fejn l-aggravju kellu jigi aktar approfondit. Anke hawn pero', kwalunkwe presunta irregolarita' fil-mili tal-*proposal form* mill-impjegat tas-socjeta' Michael Attard & Sons Ltd. kienet ghal kollox newtralizzata mill-obbligu li kellu l-attur li jallarmah bic-cirkostanzi materjali negattivi li setghu jinfluwenzaw, jekk mhux jivvizzjaw, il-kunsens tas-socjeta' assiguratrici fil-hrug tal-polza. L-appell ghalhekk ma setghax jigi sostnut.

Ghal dawn il-motivi, kif ukoll ghall-motivi dedotti mill-Ewwel Qorti, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

Dep/Reg

mm